MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1977/1999/1

**Jean mart Martin Schembri.**

**vs**

**Dr. David A. Borg LL.D. u b'digriet tas-7 ta' Frar 2001 giet imdahhla fil-kawza l-PL Davina Sullivan, bhala kuraturi deputati tal-assenti Martin Schembri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali bejn l-attrici u zewgha, l-assenti Martin Schembri ma hix aktar possibbli u dan minhabba eccessi, sevizji, adulterju minn naha ta' l-istess Martin Schembri li sahansitra anke abbanduna lill-attrici u siefer ma' haddiehor;

Illi l-attrici giet awtorizzata taghmel din il-kawza b’digriet tas-Sekond’Awla ta’ din il-Qorti (Dok. “JS1”) debitament imgedded (Dok. “JS2”);

Illi miz-zwieg kienu twieldu zewgt ibniet Lara u Lisa, it-tnejn minuri, li dejjem kienu u ghadhom joqghodu ma’ l-attrici li dejjem hadet hsiebhom;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn l-attrici u zewgha, l-assenti Martin Schembri, u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-istess Martin Schembri;

2. Il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri taz-zwieg, Lara u Lisa, ahwa Schembri, tigi fdata lill-attrici;

3. Tigi stabbilita retta alimentari sew ghall-attrici kif ukoll ghal kull wahda mill-ulied minuri, u l-istess Martin Schembri jigi kkundannat ihallas dawn ir-retti lill-attrici, bil-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

4. Id-dar konjugali tal-kontendenti, 52, Annunciation Street, Sliema tigi allokata biex tghix fiha l-attrici flimkien ma’ l-istess ulied minuri;

5. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti u taqsamhom f’zewg partijiet li jigu assenjati lill-partijiet occorrendo b’nomina ta’ periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar biex jippublika l-att opportun u Kuratur ghall-eventwali kontumaci biex jidher fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond’Awla ta’ din il-Qorti, kontra l-istess Martin Schembri li jibqa` ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. David A. Borg bhala kuratur ta’ l-assenti Martin Schembri ta’ l-4 ta’ Dicembru 2000 a fol. 10 fejn gie eccepit:

1. Illi l-kawza hija istitwita hazin, peress li s-Sekond’Awla tal-Qorti Civili kienet innominat kuraturi lill-esponent u lil PL Davina Sullivan, u ghalhekk din il-kawza ma tistax issir kontra kuratur wiehed biss.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent m’ghandux informazzjoni dwar il-fatti allegati fic-citazzjoni, u ghalhekk qed jirrizerva li jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet addizzjonali wara li jkollu din l-informazzjoni.

3. Illi l-esponent jistenna li l-attrici tindika l-indirizz fejn jista` jigi kkontattjat zewgha.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jispetta lill-attrici li taghmel il-prova ta’ l-allegazzjonijiet fosthom li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba xi tort tal-konvenut Martin Schembri.

5. Illi f’kaz li din il-Qorti tordna li l-kura u kustodja ta’ l-ulied minuri jigu fdati lill-attrici, il-konvenut ghandu jkollu access ghalihom.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tal-15 ta’ Dicembru 2000 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza illi l-P.L. Davinia Sullivan tigi mdahhla f’dawn il-proceduri bhala Kuratur ta’ l-assenti Martin Schembri flimkien ma’ Dr. David A. Borg;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process;

Rat il-verbali tas-7 ta’ Frar 2001 fejn b’riferenza ghar-rikors tal-15 ta’ Dicembru 2000, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tigi mdahhla l-P.L. Davinia Sullivan fil-kawza bhala kuratur ta’ l-assenti flimkien ma’ Dr. David A. Borg u nnominat lil Dr. Deborah Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju; tat-18 ta’ Gunju 2001; tas-26 ta’ Novembru

2001 fejn Dr. Noel Camilleri assocja ruhu fil-patrocinju ta' l-attrici; u ta' l-24 t'Ottubru 2002 fejn id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar u talbu li jaghmlu nota t'osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' sittin (60) gurnata kull wiehed; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003;

Rat in-nota ta' l-attrici tal-15 ta' Jannar 2002, li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess;

Rat l-avviz fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond. C. Pace;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju ta' l-24 ta' Mejju 2001 fejn xehdet Mary Borg (omm l-attrici); tat-12 ta' Lulju 2001; tal-5 ta' Novembru 2001; tas-17 ta' Jannar 2002 fejn kompliet tixhed Mary Borg; tat-30 ta' Jannar 2002 fejn xehdet Rosette Spiteri; tad-19 ta' Frar 2002 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami; tal-21 ta' Marzu 2002 fejn kompliet tixhed l-attrici; tat-30 t'April 2002 fejn xehed Carmel Louis Schembri (missier il-konvenut); u tat-28 ta' Mejju 2002 fejn xehdu l-P.L. Sharon Mizzi u Mary Borg.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** Jean Schembri fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jien u Martin Schembri zzewigna fis-27 ta' Settembru 1981.*

*Illi fil-15 ta' Lulju 1985 twieldet Lara u wara xi hames snin morna noqoghdu f'52, Annunciation Street, Sliema. Biex nixtru din id-dar ommi Mary Borg selfitna tlett elef u*

*hames mitt lira Maltija (Lm3,500). Ahna sselifna l-ammont ta' sebat elef Lira Maltija (Lm7,000) mill-Lohombus biex nirrangaw il-post. Hafna mix-xoghol fil-post ghamlu missieri u kemm-il darba ommi hallset kontijiet tad-dawl, telefon u tal-Lohombus. Jien ghadni noqghod f'dan il-post mat-tfal tieghi, Lara ta' sittax-il sena u Lisa ta' hdax-il sena.*

*Illi matul iz-zwieg, Martin qatt ma kellu xoghol stabbit u dejjem kien ikollu problemi mal-management u jew kien jitlaq jew ikkeccuh qabel ma jsib xoghol iehor. Minhabba f'hekk kemm-il darba l-ģenituri tieghi kellhom ituni flus biex inhallas tobba, spjejjez ghall-edukazzjoni tat-tfal, maintenance tad-dar u spejjez ohra.*

*Illi fl-1991 Martin ltaqa` ma' Alex Zammit li kien jahdem bhala barman 'Sun and Splendour', Paceville. Nghid illi minn meta beda` jiffrekwenta lil dan Zammit, il-karattru u l-imgieba ta' Martin lejja bdiet tinbidel ghall-aghar. F'dak iz-zmien Martin u Alex Zanimit dahlu f'xi negozju ma' zewg Taljani. Jien ma kontx imdahhla f'dan in-negozju u ma nafx x'sar jew ma sarx.*

*Illi xi sena wara Martin rega` dahal f'xi negozju iehor ma' Alex Zammit. Huma kienu jinnegozjaw bl-isem "Direct Marketing". Biex jibdew dan in-negozju jien iffirmajt garanzija ghal self ta' elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm 2,500) parti mill-hamest elef lira Maltija (Lm5,000) li ra li sselfu Martin u Zammit. Ghalkemm iffirmajt din il-garanzija jien ma kontx involuta fl-ebda mod fit-tmexxija tan-negozju. Wara diversi xhur Martin talabni niffirma karta. Hu kien qalli li din kellha x'taqsam ma' l-ewwel self. Fil-fatt kienet garanzija ghal hamest elef lira Maltija (Lm5,000) ohra. Huma kienu jimpurtaw xi fruit juices u ice tea. Dan in-negozju falla. Martin kien dejjem jibki d-dar pero` qatt ma spjegali sew sew x'kien qed jigri.*

*Illi biex isalva dan in-negozju dahal partner gdid Roger Scotto minn Santa Lucija. It-tlett partners, cjoe` Martin, Alex Zammit u Roger Scotto hadu personal loans ta' sebat elef lira Maltija (Lm7,000) kull wiehed. Dawn il-loans kienu in solidum bejniethom. Martin geghelni niffirma, bla*

*ma spjegali ghal xiex kont diehla. Wara sirt naf li mhux biss saru l-kuntratti ta' self, izda ukoll kuntratt ta' overdraft ghal hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000). Id-dar taghna ta' Annunciation Street, kienet qed taghmel tajjeb ghad-dejn kollu, cjoe` ghall-ammont ta' sitta u tletin elf lira Maltija (Lm36,000). Jien kont minghalija li qed niffirma biss ghas-self ta' sebat elef lira Maltija (Lm7,000) li suppost kellhom jithallsu mill-kumpanija fi zmien ghaxar snin. Suppost il-partners kellhom jaghmlu Life insurance ukoll. Ma naf kif jew jekk sarux dawn l-insurances.*

*Illi dan in-negozju beda` sejjer hazin. Dak iz-zmien Martin sar aggressiv fil-konfront tieghi u tat-tfal. Hu kien javzani biex ma nitkellem ma' hadd fuq il-problemi tan-negozju li anke kien jaqla' it-telefon. Hu kien dejjem jibki u jghid li ha jikkommetti suwicidju jew li ha joqtol lil Alex Zammit. Hu xtara senter li kien izommu hdejn is-sodda. L-iskratac kien izommhom fil-komodina. Bilkemm kien ikun id-dar. Eventwalment in-negozju falla.*

*Illi fl-1996 beda jahdem mal-fabbrika Regina Bianca, bhala Manager. Dak iz-zmien inqas u inqas kien ikun id-dar bl-iskuza ta' xoghol jew biex jaqbad xi business tieghu. Xi drabi anke kien isiefer u ma jghidlix meta kien ha jkun ha jirritoma. Lanqas kien icempel minn barra.*

*Illi f'April ta' l-1997, kien ghamel gimghatejn fejn suppost kien siefer Tunez. Ftit jiem wara li gie lura kellna ikla mal-familja tieghi, fejn kien jidher li ma kienx f'siktu. L-ghada telaq mid-dar ghall-ewwel darba. Cempilt lli ommi u hi kkuntatjat lill-familja tieghu li bdew ifittxuh.*

*Illi jirrizulta li kien telaq mix-xoghol xi gimghatejn qabel bla ma qalli xejn. Iz-ziju tieghu sabu u ikkonvoncih biex niltaqghu ghand ommu biex nitkellmu. Hu qal li kellu bzonn joqghod wahdu u ma riedx jigi lura d-dar. Hu ma qallix fejn kien qed joqghod.*

*Illi f'Mejju ta' dik is-sena qalli li kien ha restaurant B'Bugia jismu "Ir-Ramla". Ma kienx iridni nersaq 'l hemm.*

*Illi sa Lulju ta' dik is-sena kien jigi jara lit-tfal regolarment. Hu kien jghaddili hmistax-il lira (Lml5) fil-gimgha. Dak iz-zmien bdejt nircievi telefonati anonimi minn xi hadd li kien jaf lil Martin u li kien jghid li Martin kien jafu xi tminn mitt lira Maltija (Lm800). Din il-persuna riedet ukoll tminn mitt lira Maltija (Lm800) minghandi biex taghtini nformazzjoni dwar Martin. Min kien, kien icempilli kuljum u jaghtini xi bicca nformazzjoni zghira. Fl-ahhar qalli li Martin kellu mara ohra.*

*Illi f'dak iz-zmien ommi kienet qabdet investigatur privat li tkixxef li Martin kellu mara ohra li wara sirna nafu li kien jisimha Tanya Flutter. Kellu ukoll zewg flats, wiehed il-Qawra fejn kienet tghix il-mara l-ohra, u l-iehor B'Bugia fejn kien jghix hu u fejn kienet tinzel hi ukoll. Fir-restaurant kienet tipprezenta ruhha bhala Mrs. Schembri.*

*Ilii l-ghada meta gie jara lit-tfal ikkonfrontajtu u fl-ahhar ammetta. Qalli li kien zbalja u qal li ma kienx jaf x'se jaqbad jaghmel. Fl-24 ta' Lulju ltqajna jien, hu u Tanya ghand habib tieghu. Hu qal li kien ha jaghzel lilha, pero` meta hadni lura d-dar rega` mar lura fuq kellmtu u qal li kellu bzonn ftit ta' zmien biex jghidilha li kien ha jitlaqha.*

*Illi f'Awissu, meta rajt li ma kien sar xejn bdejt li-proceduri ghas-separazzjoni. Meta wasalna ghat-tieni seduta, hu qalli li kien gej lura id-dar u waqqaffna kollox. Hu xorta ma giex lura d-dar. Kien biss jigi jiekol, jinhasel u jara t-tfal.*

*Illi f'Novembru lil Tanya wassalha l-ajruport u rega` lura d-dar. Lili hadni nghix fil-flat B'Bugia biex nghinu fir-restaurant minflokha. It-tfal baqghu joqghodu tas-Sliema m'ommi u kienu jinzlu B'Bugia fil-weekends. Jien kont insajjar, nahsel il-platti u kull ma kien hemm bzonn. Ta' dan ma kontx nithallas. L-impjegati tfixxklu meta gejt ipprezentata bhala l-mara tieghu ghax kien minghalihom li Tanya kienet il-mara propja ta' Martin. Hu kien jipprezentani ukoll lis-suppliers. Dak iz-zmien ma kontx ghadni naf bid-dejn li kellu fuq ir-restaurant.*

*Illi wara li ghaddew il-festi tal-Milied, rega` beda jhossu depressed. Kien jibki u jghidli li ghandu bzonn joqghod wahdu. Darba minnhom meta l-familja tieghi telghu jieklu maghna hu riedni bilfors nerga` lura lejn tas-Sliema maghhom. Jiena nzlit u meta cempiltlu baqgha jghidli li ried joqghod wahdu. Sadanittant kien jigi d-dar jara lit-tfal.*

*Illi lejn l-ahhar ta' Jannar cempilli biex immur nghinu. Meta kont hemm l-impjegati staghgbu. Wara li telaq sirt naf li Tanya kienet regghet lura Malta u kienet regghet bdiet tidher ma' Martin. Hi kienet telghet l-Isvizzera ghall-Milied biss. Ghamilt il-weekend u ergajt lejn tas-Sliema. Hu kellu jaghtini risposta jekk kienx ha jerga` lura d-dar jew jekk kontx ha ninzel B'Bugia jien. Fl-ahhar fi Frar qbadt u mort ghall-affarijiet tieghi B'Bugia.*

*Illi f'Marzu cempilli mpjegat tar-restaurant biex jghidli li Martin ma kienx ghadu fetah u staqsieni x'konna ha naghmlu. Jien mort B'Bugia ma' missieru u sibna nota bla sens. Bqajna ma nafux x'sar minnu. Xi erbat ijiem wara cempilli u qalli li kien l-Isvizzera. Jien spjegajt lit-tfal x'kien qed jigri. It-tifla l-kbira kienet iggieldet mieghu fuq it-telefon. Wara xi tlett darbiet li cempel ma cempilx aktar. Sa llum hu jibghat biss kartolini fil-Milied, fil-birthdays tat-tfal u fl-Ghid, b'xi haga tal-flus. Manteniment qatt ma tani mindu siefer.*
*Illi sal-gumata ta' llum ma nafx fejn qed joqghod. Pruvajt anke nfittxu bl-Interpol imma ma tawnix informazzjoni. Kull ma naf li ghadu ma' Tanya izda ma zzewighiex.*

*Illi minn dak iz-zmien daru fuqi il-kredituri tieghu tar-restaurant u n-negozju ta' qabel. Eventwalment tajt ic-cwievet tar-restaurant lis-sid ghax ma stajtx inkompli. Hallast hafna mid-dejn tieghi izda ghadni ma rnexxiliex inhallas kollox. Infatti hemm kawzi pendenti kontriha l-Qorti."*

Illi hemm wkoll ix-xhieda ta' omm l-attrici moghtija fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2001, 17 ta' Jannar 2002 u 28 ta' Mejju 2002; ix-xhieda ta' l-attrici moghtija fil-5 ta' Novembru 2001 u 19 ta' Frar 2002; ix-xhieda ta' Rosette Spiteri moghtija fit-30 ta' Jannar 2002; u ta' Carmel Louis

Schembri tat-30 t'April 2002 u tal-PL Sharon Mizzi tat-28 ta' Mejju 2002.

## (B) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-ewwel talba attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ghandha tigi milqugha *stante* li x-xhieda moghtija u fuq indikati turi b'mod inkonfondibbli u konsistenti li din il-firda personali giet reza necessarja minhabba l-eccessi, sevizzi, adulterju w abbandun tal-familja u ta' l-attrici da parti tal-konvenut, tant li jidher li apparti l-fatt li l-konvenut rari kien jipprovdi ghall-familja tieghu, huwa kellu relazzjoni adultera ma' certu Tanya Hutter ghal numru ta' snin, tant li kellu flat Bugibba fejn kien joqghod maghha u kienet ukoll maghrufa ma' l-impjegati ta' l-isabbiliment kummercjali li l-konvenut kien imexxi u fl-ahharnett jirrizulta li l-konvenut abbanduna ghal kollox il-familja tieghu mid-data tat-2 ta' Mejju 1998 tant li sa llum la l-konvenuta u lanqas hadd mix-xhieda ma jafu fejn dan jinsab, fejn sahansitra jirrizulta li l-konvenut telaq minn Malta.

Illi dwar it-tieni talba attrici ghall-kura u kustodja tat-tfal minuri Lara u Lisa, lanqas hemm dubju anke minhabba l-abbandun tal-familja mill-konvenut, illi l-kura u l-kustodja ta' l-istess tfal ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici.

Illi dwar il-manteniment jinghad li certament l-attrici w uliedha ghandhom id-dritt li jesigu l-hlas ta' manteniment minghand il-konvenut, pero` apparti dak li ser tipprovdi l-Qorti fid-dwal tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 54 (6) tal-Kap 16**, anke rigward arretrati ta' manteniment, abbazi tal-fatt li ma ngabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut mhux il-kaz li tali manteniment jigi likwidat f'din is-sentenza.

Illi dwar ir-raba' talba din ghandha tigi milqugha fis-sens li l-attrici flimkien mal-minuri taghha ghandha tigi awtorizzata li tghix fid-dar konjugali 52, Annunciation

Street, Sliema, bl-eskluzjoni tal-konvenut kif provdut fid-disposizzjoni tal-**artikolu 55A tal-Kap 16**.

Illi rigward il-hames talba din il-Qorti qabel xejn tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dan b'effett mit-2 ta' Mejju 1998, data meta l-istess konvenut abbanduna lill-attrici lill-uliedha, u tapplika wkoll kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti din tikkonsisti principarjament fid-dar konjugali 52, Annunciation Street, Sliema, bil-mobbli kollha ta' go fiha, liema fond inxtara premezz ta' kuntratt pubbliku datat 11 ta' Settembru 1986 ippublikat min-Nutar Patrick Critien (Dok. "A"), u biex gie akkwistat l-attrici kienet isselfet minghand il-genituri taghha s-somma ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500). Kif jirrizulta minn skrittura datata 11 ta' Settembru 1986 (Dok. "B"), u sabiex l-istess fond tkompla jew gie rrangat, jidher li l-kontendenti kienu hadu self mill-bank kif jinsab pruvat minn Dok. "C" a fol. 83 tal-process, liema dejn gravanti l-istess fond sa l-4 ta' Jannar 2002 kien jammonta ghal tlett elef, seba mija u tnejn u tletin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm3,732.78).

Illi 'n vista tan-nuqqasijiet kollha tal-konvenut inkluz dak li ma hallas l-ebda manteniment *pendenti lite* lill-attrici u lill-uliedha, u wkoll in vista tal-fatt li l-attrici anke *tramite* l-ghajnuna tal-genituri taghha kif jinsab indikat fid-dokumenti minn fol. 122 sa fol. 142 tal-process, din il-Qorti tordna li d-dar konjugali u dak kollu li hemm fiha ghandhom jigu assenjati esklussivament lill-attrici, anke b'applikazzjoni tal-**artikoli 54 (6) u 48 (1) (c) tal-Kap 16**, fejn din il-Qorti tirrileva wkoll li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel artikolu hawn imsemmi (54 (6)) hija qed taghmel referenza biss ghall-arretrati ta' manteniment li l-konvenut naqas li jhallas kemm ilu li abbanduna lill-familja u lill-attrici b'effett minn Mejju 1998 sad-data ta' din is-sentenza, b'dan li jibqa' impregudikat id-dritt ta' l-attrici proprju f'isem uliedha li tfittex lill-konvenut ghall-hlas ta' manteniment ulterjuri jekk jirrizulta li dan hu dovut u hemm introjtu da parti tal-konvenut sabiex ihallas l-istess.

Illi apparti dan pero` l-attrici ghandha thallas kull dejn li jezisti mal-familjari taghha u wkoll id-dejn gravanti l-istess fond mas-socjeta` HSBC Bank (Malta) p.l.c. relattiv ghas-self li ttiehed sabiex jigi rrangat jew miljorat l-istess fond, liema kont hemm refrenza ghalih f'Dokument "C" a fol. 83 tal-process.

Illi jirrizulta wkoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti hija mghobbija b'diversi dejn naxxenti minn negozju li kellu l-konvenut *tramite* s-socjeta` Direct Marketing Services Limited, fosthom dejn mal-Bank of Valletta p.l.c., mad-ditta RRS Gold Rush Enterprises (fosthom dejn mas-socjeta` Three Barrels Limited u kredituri ohra [Dok "G" u "H"]) u l-Qorti tordna li anke minhabba l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** tali dejn kollu ghandu jigi assenjat lill-konvenut, *stante* li jidher ukoll li hu personalment meta mqabbel ma' l-attrici kien responsabbli ghall-istess dejn li minnhom l-attrici assolutament ma gawdiet xejn, hlief li kellha thallas u taffacja l-kredituri tal-konvenut.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u billi filwaqt li tichad is-sitt (6) talba attrici **tilqa' t-talbiet l-ohra kollha** fis-sens hawn deciz, b'dan illi:

1. Tilqa' din it-talba billi tippronunzjata s-separazzjoni personali bejn l-attrici u zewgha, l-assenti Martin Schembri, u dan minhabba eccessi, sevizzi, adulterju w abbandun ta' l-attrici mputabbli lill-istess Martin Schembri.
2. Tilqa' t-tieni talba b'dan li l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri taz-zwieg, Lara u Lisa, ahwa Schembri, qed tigi fdata lill-attrici.

3. Illi dwar it-tielet talba apparti dak li ser jigi provdut aktar il-quddiem abbazi ta' l-**artikolu 54 (6)** fir-rigward l-arretrati tal-manteniment dovuti mill-konvenut lill-attrici mit-2 ta' Mejju 1998 sad-data ta' din is-sentenza, din il-Qorti filwaqt li tirriafferma d-dritt ta' l-attrici ghaliha u ghall-

ulieda li jesigu l-hlas ta’ manteniment minghand il-konvenut, tiddikjara li peress li ma hemm l-ebda prova llum dwar l-introjtu tal-konvenut hija m’hijiex f’pozizzjoni li tillikwida l-istess ammont ta’ manteniment talvolta dovut mill-konvenut lill-attrici kemm ghaliha u kemm ghal uliedha.

4. Tordna li d-dar konjugali tal-kontendenti 52, Annunciation Street, Sliema tigi allokata biex tghix fiha l-attrici flimkien ma’ l-istess ulied minuri skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 55 A tal-Kap 16**

5. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u dan b’effett mit-2 ta’ Mejju 1998 u filwaqt li tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti billi tiddikjara li l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti fil-fond 52, Annunciation Street, Sliema bil-mobbli ta’ go fiha, u bid-dejn dovut lill-genituri ta’ l-attrici u d-dejn gravanti l-istess fond mas-socjeta` HSBC Bank (Malta) p.l.c. kif jirrizulta minn Dokument “C” a fol. 83 tal-process, u dan apparti dejn in konnessjoni man-negozju li kellu l-konvenut *tramite* s-socjetajiet u ditti li hu kien kopartecipi taghhom, inkluzi s-socjeta` Direct Marketing Services Limited, u d-ditta RRS Gold Rush Enterprises, u tiddividi l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti billi tassenja lill-attrici anke b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 54 (6)** kif fuq premess u bl-applikazzjoni wkoll ta’ l-**artikolu 48**, l-istess dar konjugali 52, Annunciation Street, Sliema, bid-dejn dovut fuq l-istess dar lill-genituri taghha u lill-HSBC Bank (Malta) p.l.c., u dan fl-ammonti li tali djun huma sa llum talvolta dovuti mill-attrici.

Illi minn naha l-ohra tassenja lill-konvenut d-dejn kollu ma’ terzi persuni nkluzi s-socjetajiet Three Barells Ltd, Bank of Valletta p.l.c. u John Paul Busuttil, liema dejn huwa kollu naxxenti minn negozji li kien igestixxi l-istess konvenut.

6. Tichad din it-talba *stante* li m’hemmx bzonn la li jigi nominat Nutar biex jippublika l-att opportun u lanqas in-nomina ta’ Kuratur ghall-eventwali kontumaci biex jidher fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, kontra l-istess assenti Martin Schembri b'dan li l-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------